DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 108/2008

tas-26 ta' Settembru 2008

li temenda l-Anness XXI (l-Istatistika) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 92/2008 ta'-4 ta' Lulju 2008 ([1]).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2008 tat-23 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-format tekniku għat-trażmissjoni tal-istatistika tal-affiljati barranin u d-derogi li jridu jingħataw l-Istati Membri ([2]) għandu jiġi mdaħħal fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inkluż wara l-punt 19x (ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXI għall-Ftehim:

"19xa. **32008 R 0364**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2008 tat-23 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-format tekniku għat-trażmissjoni tal-istatistika tal-affiljati barranin u d-derogi li jridu jingħataw l-Istati Membri (ĠU L 112, 24.4.2008, p.14).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-Anness III 'DEROGI':

'Stat Membru	Modulu tal-istatistika interna dwar l-affiljati barranin	Modulu tal-istatistika interna dwar l-affiljati barranin
In-Norveġja	Eżenzjoni mit-tqassim tal-attività Ir-Rev. 1 tan-NACE Taqsima J għas-snin ta' referenza 2007-2010	Deroga sħiħa għas-snin ta' referenza 2007-2008' "

([1]) ĠU L 280, 23.10.2008, p. 32.
([2]) ĠU L 112, 24.4.2008, p. 14.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 364/2008 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-27 ta' Settembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*)

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Settembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.